MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2004

Appell Kriminali Numru. 28/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur M. Buttigieg)**
**Vs**
**George Falzon**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1) fit-3 ta' Lulju 2003 ghall-habta tal-16.45 hrs fi Triq Tal-Barrani, Limiti taz-Zejtun, waqt li kien qed isuq vettura bin-numru CBH-347 fl-imsemmija triq, liema triq hija regolata b'sinjali ta' dawl tat-traffiku ta' vetturi, naqas li jieqaf meta d-dawl kien qed jixghel ahmar jew amber;

2) ghamel uzu mill-imsemmija vettura minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

3) saq il-vettura msemmija minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija, jew mill-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta, biex tintuza fit-triq (licenzja mhux rinovata).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-23 ta’ Jannar, 2004, li biha, wara li rat l-Artikoli MVR 125, Sec. 3(1) Chap. 104, Sec. 15 (1)(a)(3) Chap. 65, ma sabitux hati tal-ewwel imputazzjoni izda hati tat-tieni w t-tielet imputazzjoni u kkundannatu ghall-multa ta’ mitejn u hamsin lira Maltin (LM250).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 ta’ Frar, 2004 li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabitu mhux hati tal-ewwel imputazzjoni w hati tat-tielet u thassarha w tikkancellaha fil-parti fejn sabitu hati tat-tieni imputazzjoni w tvarjaha kif opportun f’dik il-parti li tikkoncerna l-piena.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti :- li l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni skorretta tal-ligi meta sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni a bazi biss tal-fatt li rrizulta li l-licenzja sabiex il-vettura tintuza fit-triq ma kienetx renovata . Dan hu legalment skorrett ghaliex il-fatt li licenzja tat-triq ma tkunx renovata ma’ jfissirx li l-vettura ma kienetx koperta b’polza tas-sigurta’ .Dan mhux kaz fejn irrizulta li l-appellant ma kellux licenzja tas-sewqan. Illi ma ngabet ebda prova ammissibbli li turi li huwa kien qed isuq vettura li ma kienetx koperta b’polza tas-sigurta’ dwar ir-riskji ta’terzi . L-uniku xhud li ngabet mill-Prosekuzzjoni kienet il-persuna l-ohra involuta fl-incident li ovvjament kien xhud inammissibbli ghall-finijiet ta’ din it-tip ta’ prova. Li l-fatt li l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellant mill-ewwel imputazzjoni necessarjament kien ifisser li dik il-Qorti ma kienetx emmnet lil dak ix-xhud u ghalhekk ma jaghmilx sens li kellha tinghata kredibilita’ lill-istess xhud ghall-finijiet tat-tieni imputazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali;

Semghet ix-xhieda fil-kors tas-seduta tal-lum;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u d-difiza fl-istess seduta;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkonsidrat ;

Illi mix-xhieda WPS 40 Isabella Camilleri irrizulta li fit-3 ta' Lulju 2003 ghall-habta ta' 16.45 p.m. kienet sehhet habta f'tal-Barrani Road fejn hemm it-traffic lights hdejn il-junction ma' Bulebel. Meta marret fuq il-post, sabet il-karozza DAT-727 Peugeot 205 misjuqa minn Maryanne Debono mahbuta mal-karozza CBH-347 Kia misjuqa mill-appellant. Fuq il-post meta hi staqsiet lill-appellant ghall-polza ta' l-assigurazzjoni, dan wegibha li din kellu jehodilha t-tifel tieghu aktar tard. Meta rritornat l-ghassa u ghamlet il-verifiki necessarji, WPS Camilleri kkonstatat mill-computer link li ghandhom mill-ghassa mall-Licencing Department li l-licenzja tal-vettura biex tinsaq fit-triq ma kienitx rinovata kif ukoll illi l-insurance li l-karozza kellha mad-ditta assigurattrici Allcare kienet skadiet fil-31 ta' Marzu 2003. Din il-polza kellha n-numru PC10185. Din l-informazzjoni hi ratha b'ghajnejha fuq l-screen tal-computer.

WPS Camilleri xehdet ukoll li ghall-ewwel it-tifel tal-appelant kien qalilha li ser igib il-polza mid-dar izda mbaghad wara l-appellant innifsu kien ammetta maghha li l-licenzja tal-karozza ma kienitx giet rinovata w l-polza tal-assigurazzjoni ma kienitx giet imgedda w dana minhabba li kien hemm xi "misunderstanding" bejnu u bejn martu ghax hu kien haseb li kienet halsithom hi w hi hasbet li kellhu jhallashom hu.

Illi in vista ta' din l-ammissjoni da parti tal-appellant innifsu jidher li saret prova mhux biss prima face imma ukoll kompleta w konkluziva dwar il-htija tal-appellant taht it-tieni imputazzjoni.

Illi apparti dan pero', materja simili giet trattata minn din il-Qorti fis-sentenza taghha fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Peter Paul Micallef** " [18.9.2002], fejn din il-Qorti kienet iccitat u ghamlet riferenza ghas-sentenza **"Il-Pulizija vs. Carlo Abela"** [15.07.96] fejn din il-Qorti diversament preseduta kienet iccitat b'approvazzjoni diversi siltiet minn awturi w rivisti legali Inglizi dwar il-matera in dizamina w li jikkumentaw dwar il-posizzjoni fil-ligi Ingliza w cioe' Section 143 (1)(a) tar-Road Traffic Act li huwa kwazi identiku ghall-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi it-test ta' dan l-Artikolu tal-ligi Ingliza jghid testwalment hekk:-

*"a person must not use a motor vehicle on the road unless there is in force in relation to the use of the vehicle by that person such a policy of insurance or such a security in respect of third party risks as complies with the requirements of this Part of this Act..."*

Illi l-pozizzjoni fil-ligi u l-Qrati Inglizi hija kif gej. Kif jghid l-**ARCHBOLD** [Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1998 , London, Sweet & Maxwell , p.2417] fl-osservazzjonijiet tieghu fuq dar-reat analogu tal-ligi Ingliza :-

*"The Prosecution has to prove that the defendant used a vehicle on the road. Once that is established, it is for defendant to prove that there was a valid policy of insurance in force at the time*: **Philcox vs. Carberry** {1960} Crim. L.R. 563 , D.C."

Illi saret riferenza ukoll ghall **Criminal Law Review** , 1960 li b'riferenza ghal din is-sentenza fuq citata , ikkumenta hekk :-

"*It is an established rule of evidence that where the truth of the party's allegation lies*

*peculiarly within the knowledge of his opponent , the burden of disproving it lies upon*
*the latter."* {Halsbury's Laws of England , 3rd. ed. Vol.15 ,270} *In the Criminal Law ,*
*it is submitted that the rule should be confined to cases where it is an offence to do some*
*act in the absence of a licence or permission and similar cases . It was stated by Talbot J. ,*
*obiter , in "Williams v. Russell" (1933) 149 L.T. 190 , that on a charge of using a motor*
*vehicle without there being in force a policy of insurance , the onus was on the accused*
*to prove he had a policy. This would seem , with respect , a proper application of the*
*principle and is confirmed by the present case ."*

Illi f ' dan il-kaz l-appellant ma xehedx u ma ressaq ebda prova quddiem l-ewwel Qorti biex jipprova li hu kien kopert b' polza ta' assikurazzjoni. Ghall-kuntrarju hemm ix-xhieda mhux kontra detta ta' WPS Camilleri li maghha l-appellant kien spicca ammetta li ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' ghar-ragunijiet fuq imsemmija. Ghalhekk dan l-aggravju taht kull aspett huwa manifestament infondat u jirrizenta l-appell fieragh.

Illi hu aktar fieragh umbaghad it-tieni aggravju li x-xhud (li ma jissemmiex fir-rikors tal-appell) kien inammissibbli. Jidher li l-unika xhud li xehdet quddiem l-Ewwel Qorti kienet WPS 40 Isabelle Camilleri u din zgur li ma kienetx akkuzata bl-istess reat li saqet bla insurance u minghajr licenzja tat-triq renovata jew li ma waqfitx fuq it-traffic lights . Ghalhekk minn imkien fil-ligi ma jirrizulta li kienet xhud mhux ammissibbli f' dan il-kaz.

Illi umbaghad il-fatt li l-appellant gie liberat mill-ewwel imputazzjoni ma jfissirx necessarjament li l-Ewwel Qorti ma emmnitx lix-xhud . Seta' kien il-kaz li l-Ewwel Qorti ghalkemm tkun emmnet lix-xhud xorta jista' jibqalha xi dubju dettat mir-raguni dwar il-htija tal-imputat fuq xi imputazzjoni partikolari izda mhux fuq imputazzjoni jew imputazzjonijiet ohra. Imbaghad skond l-artikolu 638 (2) tal-Kap.9, ix-xiehda ta' xhud wiehed biss , jekk emmnut

minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt , hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox , daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk anki dan l-aggravju qed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------